# SKEMA TA' ASSIGURAZZJONI GĦALL-FORZI TAL-ORDNI MALTIN



**EDWARD SCICLUNA** /*Ministru għall-Finanzi*




**Il-Ministru għall-Finanzi, il-Prof. Edward Scicluna jħabbar it-tnedija ta' skema ta' benefiċċji għal min isofri aċċidenti personali fuq ix-xogħol għall-impjegati tal-Forzi Dixxiplinati u Uffiċjali tad-Dwana** *[Ritratt: JEREMY WONNACOTT (DOI)]*

Din il-ġimgħa flimkien mal-Ministru għall-Intern Dr Michael Farrugia kelli l-pjaċir inħabbar miżura oħra li ġiet imwiegħda fil-programm elettorali. Din hi l-iskema ta' assigurazzjoni għall-Forzi dixxiplinati, jiġifieri l-Pulizija, il-Forzi Armati, il-Protezzjoni Ċivili u l-Uffiċjali Korrettivi flimkien mall-Uffiċjali tad-Dipartiment tad-Dwana, u s-Servizz tas-Sigurtà Malti. Il-membri ta' dawn il-korpi huma l-persuni li qegħdin hemm biex jipproteġuna, fil-fatt huma jħabbtu wiċċhom mal-kriminalità u dawk li jiksru l-liġi b'mod goff ta' kuljum. In-natura tax-xogħol tagħhom tqegħedhom fil-periklu iktar minn ħaddieħor.

Il-membri ta' dawn il-Korpi kienu ilhom is-snin jitolbu li jkunu assigurati, anke jekk il-gvern b'xi mod dejjem jikkumpensa. Iżda ħafna drabi dan kienu jagħmluh wara li l-individwu jew il-familja kien ikollhom imorru jħabbtu l-bibien tal-uffiċjali pubbliċi u jittallbu, jekk mhux ukoll jifthu kawża l-qorti biex jieħdu dak li hu ġustament tagħhom.

Permezz ta' din il-miżura aħna se nkunu qed nagħmlu ġustizzja mal-vittma, mingħajr il-bżonn ta' qrati, bi proċeduri trasparenti u spjegati minn qabel. Jekk impjegat ikun korra fuq il-post tax-xogħol jew waqt il-qadi ta' dmirjietu dan jingħata kumpens għax hu issa hu assigurat. Din hija struttura simili għal dik ta' assigurazzjoni ta' kumpaniji privati. Id-differenza hi li l-ħaddiema f'din l-iskema mhu se jħallsu xejn, jiġifieri mhux se jkunu mitluba jħallsu *premium* kull sena jew fix-xahar. Il-Gvern se jkun qed joffri din l-iskema ta' assigurazzjoni kompletament b'xejn.

Il-kumpens marbut mal-iskema se jkun ivarja skont il-gravità tal-każ. Wieħed jista' jieħu kumpens sa erba' darbiet tas-salarju tiegħu b'massimu ta' €180,000. Il-massimu jingħata f'każ ta' mewt jew diżabilità totali. Biex nuru sens kbir ta' serjetà, se nwaqqfu wkoll bord ta' appell, dan biex dak li jkun ma jaqbilx mal-eżitu tal-iskema fil-każ partikolari tiegħu, ikun jista' jressaq il-każ tiegħu quddiem dan il-bord tal-appell indipendenti.

L-iskema li ġiet mibnija bl-għajnuna minn persuni u esperti mis-segretarjat tal-Ministeru għall-Finanzi hi msejħa "Occupational Personal Accident Benefit Scheme" u se tkun imħaddma mill-Ministeru għall-Finanzi. Fuq kollox dawn huma finanzi mill-kaxxa tal-gvern. Uffiċjal jissieħeb f'din l-iskema awtomatikament sa mill-ewwel ġurnata tal-impjieg, sakemm itemm il-karriera tiegħu. Fil-fatt sa 90 ġurnata wara li jirtira. U tapplika għall-impjegati sew jekk *full-time* u anke jekk *part-time*.

Ma' din l-iskema se nkunu qed inżidu wkoll benefiċċju ieħor għal xiri ta' makkinarju jew modifikazzjonijiet fid-dar, f'każ ta' diżabilità li l-persuna tista' tinħtieġ riżultat tad-diżabilità. Għal dan il-għan se nkunu qed nagħtu massimu ta' €5,000 għal dawn il-każijiet.

Flimkien ma' benefiċċji oħra li tajna fl-aħħar ħames snin, inkluż id-dritt tal-*Union* lil dawn il-korpi u anke żidiet fil-pagiet, naħseb li dawn l-uffiċjali ta' dawn il-korpi dixxiplinati qed jirrikonoxxu dak li qed jagħmel magħhom il-Gvern. Min-naħa tagħna bħala Kabinett tal-Ministri wkoll qed nirrikonoxxu x-xogħol perikoluż tagħhom, li deher evidenti fl-aħħar jiem ta' maltemp sever li ħakem lil pajjiżna. Huwa għalhekk li għalkemm ma kien hemm l-ebda obbligu legali li jsir dan kollu, dan il-Gvern iħoss l-obbligu morali li nservu ta' tarka għal dawn in-nies li qegħdin inpoġġu f'idejhom is-sigurtà ta' pajjiżna.

## Prosit

Sur Editur,

Wieħed ikun qiegħed jonqos minn dmiru jekk ma jagħtix tifħir kbir lill-Professur Frans Ciappara għall-aħħar ktieb tiegħu. Wera bil-provi kemm il-kwistjoni tas-separazzjoni bejn Knisja u Stat u l-kwistjoni taż-żwieġ ċivili ma humiex xi ħaġa ġdida, imma ilha ġejja minn żmien il-Gran Mastru Emanuel de Rohan Polduc (1775-1797). Wara li kull min ma kienx jaqbel mal-awtoritajiet ekkleżjastiċi kien jiġi eżiljat minn Malta bl-ordni tal-Vatikan. Ma neħodhiex bi kbira jekk Mikiel Anton Vassalli u Manwel Dimech ġew eżiljati hekk.

CHARLIE,
is-Siġġiewi

## Villa Ingliża fil-Furjana

Sur Editur,

Fl-ewwel nofs tax-xahar ta' Frar, inzerta kienet il-ġurnata tal-Ħamis, fuq ONE Radio segwejt programm ferm interessanti fejn inqrat ittra li ntbagħtet minn "maħbuba rifjutata" li baqgħet iffissata fuq dak li kienet tħobb għal għexieren ta' snin u fl-aħħar inzertatu mill-ġdid fuq Facebook. Hemmhekk ratu ma' żewġ uliedu iżda martu ma kinitx tissemma.

Din is-semmiegħa fl-ittra staqsiet lill-preżentaturi tal-programm x'parir jagħtuha, jekk għandhiex wara dawn is-snin kollha taqa' għalih, ladarba m'għadux mal-mara. Fost dawk li ċemplu kien hemm min qalilha – iżjed minn semmiegħa waħda – li ma kellhiex xi tridu. Li issa jridha biex iddur bih u b'uliedu meta tant snin qabel kien irrifjuta l-imħabba tagħha. Sa kien hemm min ta l-parir biex ma taqax fl-adulteru ladarba martu għadha ħajja. Semmiegħa oħra kienet tal-parir li aħjar tinsieh għax jekk ifettillu jerġa' jirranġa mal-eksmara tiegħu, jerġa' jagħmlilha agħar milli għamlilha tant snin ilu.

Ftakart f'dan il-programm għax waħda mill-preżentaturi hija waħda brava miż-Żejtun li hija ħabrieka ferm fl-istess Lunsill Lokali. U l-iżjed li ġew assoċjazzjonijiet ta' ħsibijiet għax taż-Żejtun għamlu sew li meta ġiet skoperta l-villa Rumana, dawn raw kif jieħdu ħsiebha u jirriklamawha.

Issa, fil-Furjana ma naħsibx li hemm xi ċans li tkun skoperta xi villa Rumana għax qabel ma ġew il-Kavallieri, l-Għolja Xiberras ma kinetx aktarx żviluppata. Iżda l-Furjana għandha r-rikkezzi tagħha, fosthom Villa Ingliża viċin il-bini ta' l-Ospizju ta' żmien il-Kavallieri.

Nifhimha li l-Kunsill Lokali żgħir bħal dak tal-Furjana abbli ma jiddisponix minn tant eluf kbar li jista' jalloka għar-restawr ta' din il-Villa Ingliża, iżda xi ftit interess għandu juri u ma jħallihiex tkompli tispiċċa biż-żmien.

L-ewwel pass għandi nifhem għandu jkun li jistaqsi biex tkun devoluta mingħand il-gvern ċentrali u tgħaddi bħala responsabbiltà tal-Kunsill Lokali tal-Floriana. Ftit 'il bogħod minn din il-Villa Ingliża fil-fatt hemm ċimiterju Ingliż magħruf bħala Msida Bastion Gardens li kien ġie restawrat b'abbiltà minn għaqda mhux governattiva u tassew jieħdu ħsiebu.

Ikun xieraq li l-wirt storiku Ingliż nagħtuh l-importanza li jistħoqqlu, sew għal ġieħ il-ġrajja ta' pajjiżna, kif ukoll bħala attrazzjoni turistika.

J. BONETT BALZAN,
il-Balluta